Illum l-ghoxrin (20) ta' Dicembru tal-elf disa' mija u disgha u tmenin (1989).

Quddiemi Nutar Dottor Paul George Pisani dehru personalment u identifikaw ruhhom bid-dokumenti hawn taht indikati:-

Min-naha l-wahda:-

Francis Attard, supervisor, bin il-mejtin John u Bernarda nee' Xuereb, imwieled u joqghod ix-Xewkija, Ghawdex (karta ta' Identita' numru: 3035(G)) li qieghed jidher fuq dana l-att ghan-nom ta' Emanuel, labourer; Carmela mart Carmelo Fenech; Joseph, labourer; John, labourer; u Loreto, labourer, ahwa Xerri, wlied il-mejtin Antonio Xerri u Loreta nee' Spiteri, imweldin ilkoll Ghajnsielem, Ghawdex u joqghodu New South Wales, l-Awstralja, kif ukoll ghan-nom ta' Carmelo Xerri, labourer, bin il-mejtin Antonio Xerri u Victoria nee' Fenech, imwieled Ghajnsielem, Ghawdex u joqghod New South Wales, l-Awtralja, debitament kostitwit bil-Prokura annessa ma' att tieghi tal-erbgha (4) ta' Jannar tal-elf disa' mija u disgha u tmenin (1989) hawn taht imsemmi: "il-venditur nomine".

U min-naha l-ohra:

Loreta armla ta' John Meilak, bint il-mejtin Guzeppi Xuereb u Carmela nee' Farrugia, imwielda u toqghod Ghajnsielem, Ghawdex (Karta ta' Identita' numru: 64721(G)) li qed tidher fuq dana l-att ghan-nom u fl-interess ta' Mary Rose mart John Haber, bint il-mejjet John Meilak u Loreta nee' Xuereb, imwielda Ghajnsielem, Ghawdex u toqghod New Jersey, l-Istati Uniti tal-Amerika, debitament kostitwita bil-Prokura hawn annessa u markata Dokument "A" - hawn taht imsemmija: "il-Kompratrici nomine". L-imsemmija Mary Rose Haber hija cittadina Amerikana pero' hija izzewget hawn Malta lill-imsemmi John Haber, li huwa cittadin ta' Malta u ghalhekk ghadha topera bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti skond il-ligi.

Minni Nutar maghrufin.

Bis-sahha ta' dan l-att il-venditur nomine qieghed ibiegh u jittrasferixxi favur il-kompratrici nomine li taccetta, tixtri u takkwista porzjoni diviza mill-mandra gia annessa mal-fond

Dr. Paul Caruana Pisani

numru tnejn u tletin, tlieta u tletin u erbgha u tletin (32; 33; 34) Garden Street, Ghajnsielem, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mitejn metri kwadri (200m²) u bmiss mil-lvant mal-blokk gdida progettata li tisporgi f'Garden Street, tramuntana ma' beni ta' Clement Zerafa, u nofsinhar ma' beni ta' Raymond Calleja, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha u kif ahjar murija fuq il-pjanta u site-plan hawn annessa u markata Dokument "B" delinejata bil-kulur ahmar.

Dan il-bejgh qieghed isir u jigi accettat bil-prezz ta' erbat elef lira Maltin (LM4,000) li qed jithallsu presenzialment u tal-istess [illegible] debita rilevata [illegible] att.

In garanzija tal-pacifiku pussess u reali godiment tal-immobili hawn trasferit, il-venditur nomine qieghed jipoteka favur il-kompratrici nomine accettatni l-beni tieghu nomine kollha prezenti u futuri.

Ghall-fini tal-Att numru sebgha u erbghin tal-elf disa' mija u tlieta u sebghin (XLVII/1973) jigi dikjarat illi l-immobili in vendita jifforma parti minn [illegible] li ippervena lill-venditur nomine mill-[illegible] u successjoni ta' Antonio u Victoria gia konjugi Xerri li mietu fis-sitta (6) t'Ottubru tal-elf disa' mija u sitta u sebghin (1976) u fil-hamsa (5) t'Awwissu tal-elf disa' mija u wiehed u tmenin (1981) u l-Permessi relattivi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinsabu hawn annessi u markati Dokument "C" u "D" rispettivament.

Ghar-raguni fuq esposta jiena Notar sottofirmat niddikjara li t-trasferiment [illegible] [illegible] ghall-finijiet tal-[illegible] Att.

Dan l-att huwa soggett ghal mija u tnejn u erbghin lira Maltin (LM142) taxxa "ad valorem".

Ghal kull buon fini qed jigi anness ma' dana l-att il-Permess relattiv mahrug mill-Bank Centrali ta' Malta li jawtorizza pagament ta' flus lil persuni mhux residenti f'Malta, markat Dokument "E".

Maghmul, moqri u ippubblikat wara d-debita cerzjorazzjoni, f'Ghawdex, Victoria, Main Gate Street, numru erbghin ittra "C" (40C).

Dr. Paul Galea Notary Public